# Introduzzjoni ta' Awtorizzazzjoni Ġenerali (AĠ) għall-*Marine* VHF *Radios* installati fuq bastimenti

## Tagħrif importanti

*L-informazzjoni hawn provduta hi għal skop ta' informazzjoni biss. Fil-każ li din l-informazzjoni toħloq xi tip ta' kunflitt mall-provviżjoni tal-liġi, huwa ddikjarat illi l-liġi dejjem tieħu preċedenza.*

*Kopja ta' dawn ir-regolamenti tista titniżżel mill-website ta' l-Awtorita'. Min jixtieq kopja ta' dawn ir-regolamenti jista jiġbor kopja mill-uffiċji ta' l-Awtorita'.*

**M. 1 Għaliex iddaħlet l-AĠ?**

T. L-AĠ ġiet introdotta biex is-sidien tal-bastimenti jiġu mħeġġa biex jinstallaw u jużaw *marine* VHF *radio* abbord il-bastimenti tagħhom. Dan għandu iżid is-sigurta' tal-ħajja fuq il-baħar u jservi ta' għajnuna lill-Awtoritajiet tat-tiftix u s-salvataġġ f'każ ta' emerġenzi.

**M. 2 X'għandi nagħmel meta nixtri radju ġdid?**

T. Meta tixtri radju ġdid mingħand l-aġent lokali:

***Fil-preżent mhux ser ikun hemm tibdil fil-proċeduri ħlief għall-fatt li m'għandhomx jithallsu drittijiet tal-liċenzji.***

Fil-ġimgħat li ġejjin ser tiddaħħal din il-proċedura:

- L-aġent lokali jimla' formola bid-dettalji tar-radju li tkun xtrajt.
- Inti trid tippreżenta din il-formola lill-entita' li l-bastiment tiegħek hu reġistrat magħha. (jew id-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili jew id-Direttorat tal-*Yachting* ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta jew fil-Fergħa tas-Sajd u ta' l-Akwakultura, Torri San Luċjan, Marsaxlokk.)
- Jekk il-bastiment m'għandux *call sign* jew MMSI *number*, il-bastiment jingħata *call sign*/MMSI *number* skond il-bżonn mill-entita' li magħha hu rreġistrat il-bastiment tiegħek.
- Din l-entita' tipprovdilek formola fejn tindika liema *call sign*/MMSI *number* ingħata lill-bastiment tiegħek.
- Jekk inti tingħata MMSI *number*, inti trid tieħu l-formola u r-radju lill-aġent tiegħek biex jipprogrammalek ir-radju bl-MMSI *number* li ġie allokat lilek.
- Jekk jinħareġ *call sign*/MMSI *number* ġdid inti tiġi mitlub li tagħmel ħlas ta' darba ta' €55.00 (Lm 23.61).

**M. 3 Jien għandi MF/HF u/jew *ship earth station installation*. Jien ukoll irrid inħallas għall-*call sign* u/jew *MMSI number*?**

T. Le. F'dan il-każ, il-ħlas tad-dritt annwali tal-liċenzja diġa' jkopri l-ispejjeż amministrattivi ta' l-għoti ta' *call sign* u/jew MMSI *number*.

**M. 4 Il-bastiment tiegħi diġa' għandu *call sign/MMSI number*. Jien ser ikolli inħallas għal dan il-*call sign/MMSI number*?**

T. Le. Id-dritt japplika biss għall-għotjiet ġodda ta' *call signs* u MMSI *numbers*.

**M. 5 Nista' napplika għall-*call sign/ MMSI number* qabel ma nixtri radju?**

T. Le. Jekk ma tippreżentax in-notifika ta' l-aġent jew rapport tal-MCA, skond kif japplika, lill-uffiċjal li jirreġistra l-bastiment, la *call sign* u l-anqas MMSI *number* ma jistgħu jiġu mgħotija lilek.

**M.6 Hemm limitu fuq in-numru ta' radji li nista' ninstalla fuq il-bastiment tiegħi?**

T. Le, Iżda hu mportanti ferm li inti dejjem timxi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-AĠ.

**M. 7 Għandi ħsieb li nixtri *marine* VHF *radio* minn barra minn Malta. X'għandi nagħmel?**

T. L-MCA tissuġġerixxi illi qabel tixtri xi tip ta' apparat ta' radjukomunikazzjoni minn pajjiz barrani, tieħu parir tekniku mill-Awtorita'. Dan jassigura li ma jinħolqux problemi relatati ma l-importazzjoni ta' apparat li jista ma jkunx jaqbel ma' *standards* nazzjonali jew internazzjonali. Ladarba li tkun xtrajt l-apparat minn pajjiż barrani trid issegwi l-proċedura f'mistoqsija 9.

**M. 8 Jien diġa' għandi *marine* VHF *radio* li ġie minn pajjiż barrani. X'għandi nagħmel biex napplika għall-c*all Sign*/MMSI *number*?**

T. Inti għandek tagħmel kuntatt ma' l-MCA u tagħmel appuntament biex ir-radju tiegħek jiġi spezzjonat. Meta t-testijiet isiru tingħata rapport tekniku li jikkonferma jekk ir-radju jistax jintuża jew le.

Jekk jirriżulta li r-radju m'huwiex konformi mar-regolamenti kurrenti, irid jew jiġi ssiġillat jew distrutt mill-MCA jew inkella jiġi esportat lura (evidenza dokumentarja trid tiġi ppreżentata) lejn il-pajjiż minn fejn ikun inxtara. Fil-każ ta' siġillar, dritt ta' €11.60 irid jitħallas. Jekk ir-radju jinstab li hu konformi, trid tippreżenta r-rapport tekniku lill-Awtorita' li magħha hu rreġistrat il-bastiment tiegħek biex tapplika għall-*call sign*/MMSI *number*.

**M 9 Ir-radju tiegħi inxtara minn pajjiż ta' l-Unjoni Ewropeja / kien installat fuq bastiment reġistrat taħt bandiera ta' l-Unjoni Ewropeja (UE). F'dan il każ ir-radju tiegħi jista' awtomatikament jintuża f'Malta?**

T. Le. Inti xorta waħda trid issegwi l-proċedura msemmija f'punt 9.

**M. 10 Ir-radju tiegħi kien issiġillat mill-Wireless Telegraphy Department/MCA. B'introduzzjoni ta' l-AĠ nista' nikser is-siġill u nuża r-radju tiegħi?**

T. Le. Inti trid iġġib ir-radju tiegħek l-MCA biex jiġi miksur is-siġill. Ir-radju wara jiġi spezzjonat biex jiġi stabbilit jekk huwiex konformi mar-regolamenti applikabbli. Jekk jinstab li m'huwiex konformi, ir-radju jerġa' jigi ssiġillat (dritt ta' €11.60 irid jitħallas) jew distrutt mill-MCA.

**M. 11 M'għandix bżonn nuża r-radju tiegħi aktar. Hemm bżonn li nġibu l-MCA biex jiġi ssiġillat jew distrutt?**

T. Le. Tista' żżomm ir-radju iżda dejjem trid tobdi il-kundizzjonijiet ta' l-AĠ. (Eżempju ma tistax tinstalla r-radju fuq l-art) .

**M. 12 Jekk inkun ser inbiegħ ir-radju (mingħajr il-bastiment) lil terzi persuni, xorta waħda inkun irrid ninforma l-MCA u nimla' ittri ta' trasferiment eċċ?**

T. Ftakar li kemm *call signs* u kemm MMSI *numbers* m'humiex trasferibli bejn bastiment u ieħor!

Jekk ir-radju għandu faċilita' ta' DSC u hu ipprogrammat b' MMSI *number*, inti trid tneħħi dan in-numru mir-radju. Jekk il-bastiment tas-sid il ġdid għadu ma' ngħatax MMSI *number* u s-sid jixtieq jipprogramma r-radju bl-MMSI *number*, irid japplika għal numru ġdid mingħand l-Awtorita' li tirreġistra l-bastiment tiegħu.

Kemm int kif ukoll is-sid il-ġdid m' għandkhomx għalfejn timlew ittri ta' trasferiment.

**M. 13** Jekk nixtri radju (mingħajr bastiment) mingħand terzi persuni, xorta waħda rrid navża lill-MCA u nimla ittri ta' trasferiment?

T. **Hu importanti ħafna li jekk ir-radju għandu faċilita' ta' DSC u hu pprogrammat b' MMSI *number* ta' bastiment ieħor, inti trid tassigura ruħek li l-MMSI *number* l-antik tneħħa mir-radju tiegħek.**

Ladarba dan in-numru jitneħħa mir-radju tiegħek, l-aġent tiegħek ikun jista' jipprogramma r-radju b'MMSI *number* mgħoti lill-bastiment tiegħek. Jekk il-bastiment tiegħek għad m' għandux MMSI *number*, inti tista' tapplika għal wieħed mingħand l-Awtorita' li rreġistrat il-bastiment tiegħek.

Kemm int kif ukoll is-sid il-ġdid m' għandkomx għalfejn timlew ittri ta' trasferiment.

**M. 14** Jekk inbiegħ ir-radju (flimkien mal-bastiment) lil terzi persuni, xorta waħda rrid navża lill-MCA u nimla ittri ta' trasferiment?

T. **Ftakar dejjem li kemm il-*call signs* kif ukoll MMSI *numbers* jibqgħu dejjem ma' l-istess bastiment irrispettivament jekk jinbidlux is-sidien.**

Għaldaqstant f'dan il-każ l-istess *call sign* / MMSI *number* jibqa' japplika. Jekk is-sid il-ġdid jixtri *marine* VHF *radio* ġdid bid-DSC, dan irid jipprogramma dan ir-radju bl-MMSI *number* diġa' mogħti lill-bastiment.

Kemm int kif ukoll is-sid il-ġdid m'għandkomx għalfejn timlew ittri ta' trasferiment.

**M. 15** Barra mir-radju VHF għandi wkoll MF/HF *transceiver* u / jew *satellite terminal*. L-AĠ tapplika għal dan it-tip ta' apparat?

T. Le. Il-liċenzji tal-lum jibqgħu japplikaw għal dan it-tip ta' apparat. Jiġifieri l-apparat tiegħek xorta waħda irid jiġi liċenzjat. Iżda d-drittijiet ta' ħlas kurrenti ġew riveduti. Dawn il-liċenzji ser jinħarġu mid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta.

**M. 16** Jien għandi xi arretrati fir-rigward tal-liċenzja tar-radju VHF tiegħi. Bl-introduzzjoni tal-AĠ jien ser niġi eżentat milli nħallas dawn l-arretrati?

T. Le. Dawk id-drittijiet li kellhom jitħallsu sal-31 ta' Diċembru 2007, iridu jitħallsu lid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Kompettitivita' u Komunikazzjoni, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta.

M. 17 **Jien għandi liċenżja ta' radju li tiskadi fl-2008, u li jien ħallast id-drittijiet relatati magħha kollha. Bl-introduzzjoni ta' l-AĠ jien ser nieħu xi rifużjoni (refund)?**

T. Le. Ma jingħatawx refużjonijiet (refunds) fir-rigward ta' drittijiet li kellhom jitħallsu sal-31 ta' Diċembru 2007.

M. 18 **Jien aġent tal-bastimenti u l-klijent tiegħi (li huwa s-sid ta' bastiment ta' rikrejazzjoni) jixtieq japplika għal-liċenzja provviżorja operattiva jew mhux operattiva. F'dan l-istadju, is-sid għadu ma jafx x'tip ta' apparat ser jiġi nstallat fuq il-bastiment tiegħu. Xorta waħda rrid napplika għal-liċenzja provviżorja?**

T. Qabel ma japplika għal-liċenzja kemm jekk permanenti jew le, is-sid irid ikun jaf x'tip ta' apparat hu, jew ser jiġi nstallat fuq il-bastiment tiegħu. Liċenzja provviżorja tingħata biss għall-apparat li jirrekjedi liċenżja individwali.

M. 19 **Jien aġent tal-bastimenti u l-klijent tiegħi li huwa barrani (li huwa s-sid ta' bastiment ta' rikrejazzjoni) għandu liċenżja provviżorja. Peress li l-klijent tiegħi m'għandux kompetenza teknika, kif jista' jsir jaf jekk l-AĠ tapplikax għalih jew le?**

T. Is-sid tal-bastiment irid jipprovdi rapport tekniku minn tekniku kompetenti / jew entita' jew surveyor kompetenti li jidentifika n-natura ta' l-apparat. Dan ir-rapport irid jiġi ppreżentat lid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta.

M. 20 **Jien għadni kif irreġistrajt bastiment taħt il-bandiera Maltija. Il-bastiment kien qabel irreġistrat ma' bandiera barranija u l-apparat inxtara u ġie nstallat barra minn Malta. X'għandi nagħmel?**

T. Inti għandek tagħmel kuntatt ma' l-MCA u tagħmel appuntament biex ir-radju tiegħek jiġi spezzjonat, jew abbord jew fl-uffiċini tal-MCA. Meta l-ispezzjoni ssir, tingħata rapport tekniku li jikkonferma jekk ir-radju jistax jintuża jew le (ara punt 9). F'dan il-każ huwa probabbli li jekk l-apparat għandu faċilita' ta' DSC, dan ikun ipprogrammat b'MMSI *number* ta' pajjiż ieħor. Jekk jirriżulta hekk trid issegwi l-proċedura hekk kif indikat f'punt 14. Wara li tkun ingħatajt MMSI *number* lokali, dan in-numru jrid jiġi pprogrammat fl-apparat DSC tiegħek.

M. 21 **Il-*marine* VHF *radio* tiegħi intilifli / insteraqli / m'għadux jaħdem. Hemm bżonn li nippreżenta xi dokument (bħal ġurament / rapport tal-pulizija / dikjarazzjoni)?**

T. Le. M'hemm l-ebda bżonn ta' dokument u m'hemmx bżonn li tinforma lill-Awtorita'.

M. 22 **Jiena għandi / se nixtri / xtrajt *satellite* EPIRB. X'għandi nagħmel?**

T. Kull min għandu *Satellite* EPIRB irid jikkuntattja lid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta sabiex l-apparat tiegħu jiġi rreġistrat u japplika għall-MMSI *number.* Dan japplika anke għal min għandu bastiment irregistrat mad-Direttorat tal-*Yachting* ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta jew mal-fergħa tas-Sajd u ta' l-Akwakultura, Torri San Luċjan, Marsaxlokk.

M. 23 **Jiena għandi *marine* VHF *radio* ipprogrammat b'frekwenza/i privata/i li ġew mogħtija lili mill-MCA. Kif se nintlaqat bl-introduzzjoni ta' l-AĠ?**

T. Persuna jew kumpanija li tkun ġiet assenjata frekwenza/i privata/i trid tibqa' tħallas biss id-dritt relatat ma dik il-frekwenza/i skond il-ħlasijiet applikabbli taħt l-Ordinanza dwar id-Drittijiet jew kull liġi oħra fis-seħħ.